MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Numru 631/2004

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND D’ANASTAS
VS
PAUL MANICOLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Manicolo, ta’ 40 sena, iben Saviour u Antonia Nee’ Steward, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Jannar 1962 u residenti 44, ‘Jeanette’, Triq Stagno, Qormi jew 88, Triq Mensija, San Giljan. Detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 67662(M).

Akkuzat ukoll talli, fl-istess lok, data u hin, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ jew iniggez minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, lok u hin ikkaguna hsara volontarja ta’ iktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) fuq

zewg vetturi bin-numri ta' registrazzjoni FBL652 u JAM358 rispettivament ghad-dannu ta' sidhom.

Akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'xi mod iehor.

Akkuzat ukoll, talli, fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kas;

Rat il-kunsens tal-AG u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoniji tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi fil-kas in ezami jirrizulta illi PS 1315, ircieva rapport minn ufficjal ta' l-Enemalta illi fil-fond tal-imputat '44' Stagno Street, Qormi. Instab meter ta' l-elettriku mbaghbas, mid-diska tal-meter mwahhla, is-sigilli miksurin u brix fil-meter.

Giet inizjata nkjesta mill-Magistrat Dr. A. Lofaro. Giet ezebita l-okkorrenza Dok.PS (a fol.15.)

Il-Process Verbal gie ezebit in atti (Dok.MF).

Hugh Camilleri espert tekniku kkonferma r-relazzjoni tieghu (ara fol.18) Dok.HC1-13 tal-Process Verbal (a fol. Dok.20 et. seq)

Peter Micallef, Senior Fitter mal-korporazzjoni ta' l-Enemalta xhed illi acceda fil-fond tal-imputat fuq ilment tieghu li l-meter kien waqaf. Peter Micallef kkonferma illi l-meter in kwistjoni kellu s-sigilli mbghabsa, il-viti mbghabsa, waqt li l-meter kien qieghed idur pero' ma kienx qed jirregistra l-konsum il-ghaliex kellu l-fus u x-shaft tieghu slogati.

In kontro ezami Micallef xhed illi l-meter kellu zewg sigilli homor mbghabsa u kellhom il-kolla.

Ian Vella xhed illi mill-kontijiet precedenti ta' l-imputat jihdru diskrepanzi serji fil-perijodu ta' bejn 17 ta' Jannar 2001 u 14 ta' Marzu 2002 u li l-valur tal-konsum illectu ta' luce elettrika gie stmat ghal Lm281. Ikkonferma wkoll illi l-imputat kien hallas depositu ta' Lm250

L-imputat innega illi bghabas il-meter u s-sigilli tieghu pero' jghid illi kellu "accident" fejn waqghet sopraporta tqila fuq il-meter u dan ccaqlaq minn postu u ghalhekk hu wahhlu lura bil-kolla. Mistoqsi, l-imputat stqarr illi ma deherelux illi kellu jinforma lil Enemalta b'tali hsara.

Illi l-espert Tekniku kien fehma illi l-istorja tas-sopraporta kienet wahda ffabbrikata ghaliex it-tbghabis tas-sigilli u l-hsarat fuq il-meter ma kienux kompatibbli ma' tali daqqa.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263, 264 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat, Paul Manicolo, bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax (12)-il xahar.

In oltre, l-Qorti tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes inkorsi fl-inkjesta ta' dan il-kaz ai termini ta' Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------